MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2013

Numru 966/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Luke Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta` Luke Borg ta' 19-il sena, imwieled Pieta' Malta, nhar it-30 t'Ottubru 1993, bin missier mhux maghruf u Mary Grace Borg u residenti gewwa 'Clematis', Flat 2, Triq il-Fniek, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin- Numru 504193(M).

Akkuzat talli nhar is-27 ta'Settembru 2013 ghal habta tas-sitta ta' filghaxija (18.00) fi Triq in-Naxxar, Birkirkara:-

1. Volontarjament hassart, jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamilt hsara fil-vettura tal-ghamla Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni DEG 012 ghad-dannu ta' Ruth DeGiorgio, liema hsara ma tkunx tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma tkun izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu(116.47);

2. Filwaqt li kien qed jigi arrestat ghal delitt, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew minizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;
3. Garr 'il barra minn xi fond jew id-ditorni taghhom xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu

Ghal fini ta'piena il Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu li hi wahda netta u l-fatt li kkopera bi shih mal-pulizija, u li huwa lest li jhallas ghall-hsara kkagunata minnu. Ghal dawn il-motivi il Qorti wara li rat l-Artikoli 325(b), tal-Kap.51(7), u 55(b) tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjoni fuq maghmula fir-rigward ta l-ewwel zewg imputazzjonijiet, b'applikazzjoni tal-Art.22 tal-Kap.446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien 3 (tlett) snin mil-lum, u fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, tikkundannah ghal piena ta'multa ta' (mija u sittax-il ewro u seba' u erbghin centezmi) €116.47, li bl-applikazzjoni tal-Art.14(2)tal-Kap 9 tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta'(hamsin) €50 fix-xahar, bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza, izda jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u

jigi kkonvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Ai termini tal-Art.24 tal-Kap.446, il Qorti tordna lill-hati sabiex ihallas lil sidt il-vettura Ruth DeGiorgio il-valur tal-hsara ikkagunata minnu fuq il-parti ta'wara tal-vettura u dan fi zmien tliet xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti bhala Dok ET4. Ai termini tal-Art.56 tal-Kap.480 u tal-Kap.23 tal-Kap.9.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta'liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti tordna li s-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------